

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.6074 – ČEZ/EPH/Mibrag Group)
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(2010/C 322/08)

1. Fid-19 ta' Novembru 2010, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha HC Fin3 NV (il-Pajjiżi l-Baxxi) hi proprjetà sħiħa tal-Energetický a průmyslový holding, a.s. ("EPH", Repubblika Ċeka), u ČEZ, a.s. ("ČEZ", Repubblika Ċeka) jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll konġunt tal-JTSD Braunkohlebergbau GmbH ("JTSD", Ġermanja) flimkien mal-proprjetà sħiħa sussidjarja tagħha Mitteldeutsche Braunkohlengesellschaft mbH ("Mibrag", Ġermanja, Mibrag u s-sussidjarji tagħha li kollettivament huma msejħa "Mibrag Group") li bħalissa huma kkontrollati mis-Severočeské doly a.s., sussidjarja ta' ČEZ ("SD" Repubblika Ċeka) u s-Sur Křetínský għandhom il-proprjetà sħiħa ta' vettura bi skop speċjali, jġifieri, Lignite Investments (Ċipru), permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- għal EPH: investitur strateġiku fis-settur tal-enerġija u investitur prinċipali fl-industrija,
- għal JTSD kumpanija b'responsabbiltà limitata li tikkontrolla b'mod sħiħ il-Mibrag,
- għal Mibrag Group attiv prinċipalment fl-estrazzjoni ta' orto-linjite, tisħin distrettwali, operazzjoni ta' impjanti tal-ġenerazzjoni tal-enerġija li jaħdmu bil-linjite fil-Ġermanja,
- għal SD: it-tħaffir għal-linjite fir-Repubblika Ċeka,
- għal ČEZ: attivitajiet differenti fis-settur tal-enerġija bħal (i) ġenerazzjoni, (ii) distribuzzjoni u (iii) bejgħ tal-elettriku u t-tisħin fir-Repubblika Ċeka, u (iv) l-kummerċ tal-elettriku u t-tħaddim ta' impjanti tal-enerġija f'xi pajjiżi Ewropej oħra.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taq' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6074 – ČEZ/EPH/Mibrag Group, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(1) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").